MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## DOREEN CLARKE

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1521/2005

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat f'l-14 ta' Lulju 2005 li permezz tieghu s-socjeta attrici tablet hlas tas-somma ta' elf tmienja u sebghin lira Maltija u sebgha centezmi (Lm1078.07) rapprezentanti prezz ta' materjal ta' kostruzzjoni mibjugh u debitament konsenjat lill-konvenut fuq inkarigu tieghu stess, b'l-imghaxx u b'l-ispejjez inkluz dawk ta'l-ittra ufficjali datata Mejju 2005.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet ta'l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie notifikat b'l-avviz fis-6 ta' Awissu 2005, naqas li jidher meta gew prezentati l-Kapitoli

u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikundanna lill-konvenut jhallas s-somma ta' elf tmienja u sebghin lira Maltija u sebgha centezmi (Lm1078.07) b'l-imghaxx u l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------